MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 196/2013

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Franco Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Neil Attard [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 451876 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minn Mejju 2012 sa Settembru 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Raina Iris Muscat u/jew lil uliedu s-somma fil-gimgha ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ April, 2013, li biha wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija sospiz ghal sena ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta’ elf Ewro (€1000) fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Mejju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi minflok issibu hati ghall-akkuza migjuba kontrih, tilliberah minnha, u fi kwalunkwe kaz tirriduci l-piena moghtija ghal wahda ekwa u aktar gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dik li jikkoncerna l-piena ta’ xahar sospizi ghal sena u l-ordni tal-hlas ta’ Elf Ewro (€1,000) fi zmien tlett xhur. Illi l-appellant huwa ben konxju tal-fatt illi mhux normali illi l-Qorti tal-appell tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm dina ma tkunx tohrog harra mill-limiti stipulati fil-ligi. F’dan ir-rigward issir referenza ghal sentenza moghtija minn l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet: Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Carmen Butler [26.2.2009] :-

*“Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonala jew sakenmm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspeti parlikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza*

*tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena".*

Illi fil-mori tal-appell ser tkun sehhet 'cirkostanza susesegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti ghaliex l-appellant ser jiehu kull mizura neccessarja sabiex jirrikorri ghand il-Qorti kompetenti biex tiehu in konsiderazzjoni s-sitwazzjoni tieghu u skond ma tipprovdi l-istess Qorti huwa ser jipprova jaghmel dak kollu possibli biex ihallas dak li jkun ghadu dovut minnu bhala mantenirnnet skont l-imputazzjoni. Dina l-Onorabbli Qorti ser ikollha l-possibilta tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qroti u ghathekk tista' taghti lok ghal temperament fil-piena.

Illi jigi umilment rilevat illi l-appellant sab ruhu fl-impossibilta li jonora l-obbligi tieghu minhabba riduzzjoni drastika fl-introjtu tieghu u bl-ebda mod ma ried ixxejjen jew jisfida l-ordni tal-Qorti Civili ghall-hlas tal-mantenirnent. Fil-fatt, meta kien inhareg id-digriet in-negozzju tieghu kien qieghed ifalli u kellu djun kbar, tant illi f'Jannar ta' l-2013 huwa kellu jghalaq l-istess negozju u kellu jibda jirregistra u qed jaghrnel kull mezz sabiex isib xoghol alternattiv u ghamel l-almu tieghu u fil-fatt hallas mitejn Ewro (€200) minnhom u qed jaghmel dak kollu li jista' sabiex isib xoghol alternattiv sabiex ikun jista' ihallas l-arretrati ta' manteniment.

Illi di piu, dan hu l-ewwel kaz fejn l-appellant qed jidher quddiem dina l-Onorabbli Qorti u l-appellant huwa bniedem ta' fedina penali netta.

Ikkonsidrat

Li skont verbal li sar fit-22 t'April, 2013, il-parte civile ddikjarat li l-ewwel erba' ġimgħat indikati fl-imputazzjoni tħallsu. (fol 8).

Skont l-affidavit ta' PS 1257 C.Ellul, fl-4 ta' Lulju 2012, ċerta Raina Muscat kienet irraportat fl-għassa ta' Raħal il-Ġdid illi r-raġel tagħha kien naqas li jagħtiha manteniment għall-minuri skont digriet maħruġ mill-Qorti tal-Familja u

datat 11 ta’ Mejju 2012 u li jġib in-numru 167/11. Skont dan id-digriet l-appellant għandu jagħti s-somma ta’ 200 Euro kull erba’ ġimgħat. L-imputat kien ilu ma jagħti manteniment mill-11 ta’ Mejju, 2012.

Skotn affidavit ieħor, fl-24 ta’ Lulju 2012, l-istess Raina Muscat irrapurtat li r-raġel tagħha kien naqas li jagħtiha manteniment bejn Mejju 2012 u Awwissu 2012.

L-appellant kien qal li huwa ma kienx jaf bid-digriet.

Kopja tad-digriet maħruġ mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tinsab a fol 18. Dan inħareġ fil-11 ta’ Mejju 2012 u jindika li l-ammont ta’ €200 kull erba’ ġimgħat.

Il-Qorti semgħet żewġ xhieda jiddeponu quddiemha.

Raina Iris Muscat xehdet li kkonfermat li kienet tħallset il-manteniment dovut f’Mejju 2012. Suppost li kienet irċeviet €1200 iżda kienet irċeviet biss €200. Sal-jum ta’ meta ddeponiet kienet għadha ma tħallsetx il-bilanċ dovut u ordnat li jitħallas fi żmien tliet xhur mill-Qorti.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li ma kinitx taf jekk ir-raġel kienx biddel ix-xogħol. Iżda xi dħul għandu żgur għaliex saħansitra siefer. Jidhru li omm u missier ir-raġel ħadu n-negozju f’idejhom.

Fit-tieni kontro-eżami x-xhud irriaffermat li hi qatt ma marret ġewwa l-ħanut ħa tara min qed imexxieh iżda r-raġel kien qal li m’għadux bil-ħanut.

Xehed ukoll l-appellant Franco Muscat li qat li huwa ma jaħdimx u qiegħed jirreġistra. Huwa għandu 25 Ewro multa kull jum mal-banek. Ix-xhud qal li għandu diversi kredituri jiġru warajh. Ommu u missieru kienu qed imexxu l-ħanut tal-grocer li għad għandhom proprjetajiet miżmuma minħabba fihom. Huwa lanqas jista’ jaħdem bħala security għax għandu l-kondotta maħmuġa. Huwa mhux f’pożizzjoni li jħallas l-ammont dovut minħabba li kulma jaqbad huwa erba’ mitt Ewro relief kull erba’ ġimgħat.

Fil-kontro-eżami huwa qal li kien spiċċa jaħdem mill-ħanut f'Jannar tas-sena 2013. Il-mara ma kienet ħarġet ebda sold sabiex tgħin fis-soluzzjoni tal-problemi li ħallew it-tnejn flimkien. Ix-xhud qal li minn dħul ta' 400 Ewro kull erba' ġimgħat irid jgħix u jleħħaq mal-ispejjeż.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Mill-provi jirriżulta li l-ammont dovut għax-xhur indikati fiċ-ċitazzjoni ma tħallasx kollu kemm hu u dan sew wara l-ħmistax-il jum mid-dati meta d-diversi ammonti kellhom ikunu mħallsin. Il-fatt li l-appellant qiegħed jgħid li jinsab f'diffikultajiet finanzjari bl-ebda mod ma jeħles lill-appellant mill-obbligu li jħallas il-manteniment dovut. Lanqas ma jgħin lill-appellant li bħal issa hemm huwa intavola rikors sabiex l-ammont dovut minnu bħala manteniment jitnaqqas. Dawn huma proċeduri li riedu jittieħdu QABEL. Mill-bqija l-kontravenzjonijiet ripetuti jissusstu. Hawn japplika l-artikolu 18 tal-Kap 9 u l-artikolu 31(1)(g) tal-Kap 9.

Matul is-seduta tallum thallsu l- elf Ewro dovuti waqt is-smiegh tal-kawza.

Konklużjoni

Galadarba thallas l-ammont kollu dovut, il-Qorti qed tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Magistrati fl-ismijiet premessi fit-22 ta' April, 2013 billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn l- Ewwel Qorti sabitu hati tal-imputazzjoni kontrih qed thassarha fejn ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena u fejn ordnatu jhallas elf Ewro fi zmien tilet xhur u minflok qed tikkundannah ihallas multa ta' mitt Ewro.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------